Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1730/2006

tat-23 ta' Novembru 2006

rigward l-awtorizzazzjoni ta' l-aċidu benzojku (Vevo Vitall) bħala addittiv fl-għalf

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 314M, 1.12.2007, p. 349)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1190/2011 tat-18 ta' Novembru 2011	L 302	28	19.11.2011

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1730/2006

tat-23 ta' Novembru 2006

rigward l-awtorizzazzjoni ta' l-aċidu benzojku (Vevo Vitall) bħala addittiv fl-għalf

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprovdi għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali u għall-bażi u l-proċeduri biex tingħata tali awtorizzazzjoni.

(2) B'konformità ma' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, intbagħtet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni stipulata fl-Anness. Din l-applikazzjoni ġiet akkumpanjata mill-partikolaritajiet u d-dokumenti meħtieġa taħt l-Artikolu 7(3) ta' dan ir-Regolament.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' aċidu benzojku (Vevo Vitall) bħala addittiv fl-għalf għall-ħnienes li nfatmu, biex tiġi kklassifikata fil-kategorija ta' l-addittivi "addittivi żootekniċi".

(4) L-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet fl-opinjoni tagħha tad-9 ta' Diċembru 2005 li l-aċidu benzojku (Vevo Vitall) ma jħallix effett negattiv fuq is-saħħa ta' l-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent [2]. Ikkonkludiet ukoll li l-aċidu benzojku (Vevo Vitall) ma jippreżenta ebda riskju ieħor li, skond l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, ma jippermettix l-awtorizzazzjoni. Skond din l-opinjoni, l-użu ta' din il-preparazzjoni ttejjeb il-paramentri tal-ħidma, bħall-proporzjon taż-żieda fil-piż jew fl-ikel tal-ħnienes. L-opinjoni ta' l-Awtorità tirrakkomanda miżuri adattati għas-sigurtà ta' l-utent. Hija ma tikkunsidrax li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ wara t-tqegħid fis-suq. Din l-opinjoni tivverifika wkoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi ta' l-addittivi fl-għalf, f'għalf sottomess mil-Laboratorju ta' Referenza tal-Komunità stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Il-valutazzjoni ta' din il-preparazzjoni turi li l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, ġew issodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

---

[1] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Reglament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8).

[2] Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-Addittivi u Prodotti jew Sustanzi użati fl-Għalf ta' l-Annimali dwar is-sigurtà u l-effettività tal-prodott VevoVitall® bħala addittiv fl-għalf għall-ħneines li nfatmu skond ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Adottata fit-30 ta' Novembru 2005. *Il-Ġurnal EFSA* (2005) 290, p. 1-13.

▼B

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi żootekniċi" u mill-grupp funzjonali "addittivi żootekniċi oħra", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutrizzjoni ta' l-annimali suġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni ta' l-additiv	Isem ta' min għandu l-awtorizzazzjoni	Additiv (Isem kummerċjali)	Kontenut massimu ta' l-element (Se) f'mg/kg ta' oġġetti ta' l-ikel kompluti b'kontenut ta' umidità ta' 12 %	Speċi jew kategorija ta' annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg ta' sustanzi attivi/kg ta' oġġetti ta' l-għalf sħaħ			
Kategorija ta' additivi żootekniċi. Grupp funzjonali: additivi żootekniċi oħra (titjib fil-parametri tar-rendiment: proporzjon taż-żieda fil-piż jew fl-ikel)									
4 d 210	►**M1** Emerald Kalama Chemical BV ◄	Aċidu Benzojku (Vevo Vitall)	**Kompożizzjoni ta' l-additiv:** Aċidu Benzojku (≥99.9 %) **Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva:** *Benzenecarboxylic acid, phenylcarboxylic acid*, $C_7H_6O_2$ numru *CAS* 65-85-0 *livell massimu fil:* *Phtalic acid*: ≤ 100 mg/kg *Biphenyl*: ≤ 100 mg/kg Metalli tqal: ≤ 10mg/kg Arseniku: ≤ 2mg/kg **Metodi analitiċi** [1] HPLC tal-Faża Rriversata flimkien mad-ditezzjoni ta' l-UV.	Ħnienes (miftuma)	—	5 000	5 000	Oġġetti ta' għalf kumplimentari għall-qżieqes ma jistax ikun fihom aktar minn 10 000 mg/kg ta' aċidu benzojku. L-indikazzjonijiet għall-użu għandhom jindikaw li ġej: "Jintuża għal annimali li ma jiżnux aktar minn 25 kg" "Għalf kumplimentari li fih l-aċidu benzojku ma jistax jiġi mitmugħ lil ħnejżriet simili" L-adittiv għandu jkun inkorporat f'oġġetti ta' l-ikel komposti fil-forma ta' taħlita minn qabel. "Għas-sigurtà ta' l-utent: għandhom jittieħdu miżuri biex tiġi minimizzata l-produzzjoni ta' trab minn dan l-additiv li jista' jidħol fil-pulmun. Folji ta' l-informazzjoni dwar is-sigurtà materjali (MSDS) disponibbli."	10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament'

([1]) Id-Dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Komunità: www.irmm.jrc.be/html/crlfaa/